MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 468/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**
**Vs**
**Maria Dolores Briffa**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-4 ta’ Novembru, 2011 fejn talab lil din il-Qorti tordna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ ghaxart elef, tlett mija u wiehed u erbghin Ewro u ghoxrin centezmu (€10,341.20) bilanc ghad-debitu fl-“*Overdraft Account*” mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “A1 sa A10”) flimkien mal-imghaxx ulterjuri mill-1 ta’ Ottubru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv, liema facilita` ta’ *Overdraft* giet koncessa lill-konvenuta permezz tal-iskrittura tal-21 ta’ April 1999 (Dok. “B”).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali datata 17 ta’ Dicembru 2008 (Dok. “C”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi prezentat kontestwalment kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta Maria Dolores Briffa pprezentata minnha fl-10 ta' Dicembru, 2010 fejn esponiet bir-rispett:

*a. "Illi preliminarjament l-occhio mhux integru stante li l-istess bank bhala allegat kreditur halla barra l-veru debitur* ***Cesar Azzopardi*** *u b'hekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.*

*b. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, filwaqt li jidher car li l-bank intenzjonalment halla barra lil Cesar Azzopardi, dina l-Qorti qed tigi mitluba bir-rispett takkorda li jigi kjamat in kawza l-istess Cesar Azzopardi u dan ai finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

*c. Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju, l-pretensjonijiet tal-bank rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, fil-konfront tal-esponenta u dan bhalma jaf l-istess bank bl-ispejjez.*

*d. Illi di piu`, u minghajr pregudizzju, l-esponenta ghandha tigi liberata mill-osservazzjoni tal-gudizzju u dan peress li* ***hi qatt ma ffirmat l-facilita moghti mill-bank kif indikat skond Dok 'B' debitament esibit u li l-istess firma, li suppost qed turi l-firma tal-esponenta, m'hijiex fil-fatt taghha tant li hi ghal kollox iffalsifikata u dan kif se jigi ippruvat fil-mori tal-kaz.***

*e. Illi di piu', u minghajr pregudizzju, l-istess bank gja thallas billi gie likwidat, ad insaputa tal-esponenta, certi assi taghha biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn liema prova u haga l-bank ghandu m'hux biss jammetti imma jikkonferma bhala stat ta' fatt u b'hekk jispjega l-agir tieghu fid-dawl tal-kaz.*

*Salv risposta ulterjuri."*

Rat li fil-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2010 din il-Qorti kienet innominat bhala Espert Kaligrafu lil Dr. Anthony Abela Medici.

Rat li l-istess Dr. Anthony Abela Medici pprezenta r-rapport tieghu fis-27 ta’ Settembru, 2011. Fir-rapport tieghu li gie mahluf minnu fis-seduta tas-27 ta’ Settembru, 2011 l-Espert Kaligrafu wasal ghas-segwenti konkluzjoni:

*“Illi ghaldaqstant, fl-opinjoni tal-esponent, kwalifikata bi tletin sena esperjenza fl-ezamijiet ta’ kaligrafija, il-firma fuq id-dokument originali li kopja tieghu giet esebita bhala Dokument “B” a fol. 15 tal-process ma saritx minn Dolores Briffa izda probabilment saret minn Caesar Azzopardi li iffirma minn flokha.”*

Rat l-affidavit ta’ **Jane Mifsud** ipprezentat fl-20 ta’ Jannar, 2012 fejn iddikjarat illi hija tokkupa l-kariga ta’ *Senior Relationship Manager* mas-socjeta’ attrici Bank of Valletta p.l.c. Hija sostniet illi skond li hemm fil-*file* jirrizulta li f’April 1999 is-Sur Caesar Azzopardi flimkien ma’ martu s-Sinjura Dolores Azzopardi isselfu elfejn lira Maltin bhala overdraft. Gew esebiti kopja ta’ l-applikazzjoni (Dok JM1), karta tal-identita’ tat-tnejn (Dok JM2) u s-*sanction letter* (Dok JM3) relattivi ghal dan is-self.

Jane Mifsud stqarret li f’izjed minn okkazjoni wahda il-Bank kellu jirritorna cekkijiet lura ghax id-debitu qabez il-limitu miftiehem. Gew esebiti kopji tan-noti u ittri li gew immarkati bhala Dok JM4 sa JM8. Fit-23 ta’ Ottubru 1999 il-Bank gharraf lil konjugi Azzopardi li kif gie miftiehem, id-debitu fl-*overdraft account* ghandu jithallas bir-rata mensili ta’ ghoxrin lira Maltin (Lm20). Kopja ta’ l-ittra giet esebita u mmarkata bhala Dok JM9. Fit-23 ta’ Frar 2000 il-Bank talab lill-konjugi Azzopardi biex ihallsu d-debitu minnufih u kopja ta’ din l-ittra giet esebita u mmarkata Dok JM10. Fl-20 ta’ Marzu 2000 il-konjugi Azzopardi gew interpellati b’ittra ufficjali ghal ammont ta’ Lm2,670-50. Kopja ta’ l-ittra relattiva giet esebita u mmarkata Dok JM11.

Hija kkonfermat li hemm nota fil-file datata 18 ta’ April 2000 li tindika li s-Sinjura Briffa giet ikkuntatjata personalment u gie spjegat lilha s-sitwazzjoni. Is-Sinjura Briffa kellha titkellem ma’ zewgha u sa ghaxart ijiem wara kellhom jirreferu lura lil Bank. Hemm nota fil-file datata 2 ta’ Ottubru 2000, fejn jidher li l-konjugi Briffa kellhom

*meeting* il-Bank Hal Qormi, fejn qalu li ghandhom kredituri ohrajn. Hija stqarret li huma kienu ser jiehdu hsieb jibdew ihallsu d-debitu u talbu lil Bank biex ma jillikwidax il-polza tal-assigurazzjoni. Il-klijenti regghu ma kienux regolari fil-pagamenti u l-Bank fit-2 ta' Mejju 2001, 1 ta' Gunju 2001, u fil-5 ta' Lulju 2001 kiteb lill-klijenti rigward dan. Kopji ta' dawn in-noti qeghdin jigu esebiti u mmarkati Dok JM12 sa JM14. Jane Mifsud kompliet tghid li fl-20 ta' Gunju 2002 il-Bank kiteb lill-konjugi Briffa fejn infurmhom li l-pagamenti kienu ilhom ma' jsiru mill-20 ta' Ottubru 2001. Kopja tal-ittra relattiva giet esebita u mmarkata bhala Dok JM15.

Hija kkonfermat illi Dr Mark Busuttil kiteb ghan-nom tas-Sinjura Briffa fit-12 ta' Gunju 2008 fejn qal li l-firma fuq is-*sanction letter* tidher li mhix tas-Sinjura Briffa. Kopja ta' din l-ittra giet esebita u mmarkata Dok JM16. Il-Bank kien irrisponda b'ittra ta' Dr Joselle Galea fid-9 ta' Lulju 2008 fejn kopja ta' din l-ittra giet esebita u mmarkata bhala Dok JM17. Hija tenniet li fis-17 ta' Dicembru 2008 il-Bank ipproceda b'ittra ufficjali taht l-Artikolu 166a tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet. Kopja ta' din l-ittra giet esebita u mmarkata Dok JM18.

Fis-27 ta' Jannar 2009 hija qalet li ltaqghu (flimkien maghha kien hemm is-Sur Edmund Sacco) mas-Sur Cesare Azzopardi u Ms Dolores Briffa flimkien mat-tifel taghhom Jesper. Is-Sur Azzopardi qal li kien ser jibda jhallas mitejn Ewro (€200) fix-xahar minn Frar 2010. Waqt il-laqgha ghamluha cara li ghall-Bank min ihallas mhux ta' importanza pero' d-debitu huwa tat-tnejn. Wara din il-laqgha Edmund Sacco cempel lis-Sur Azzopardi biex ihallas kif kien miftihem. Gieli kien is-Sur Cesare Azzopardi stess li cempel biex jghid u jikkonferma li ser ihallas pero' l-pagamenti baqghu ma sarux.

Jane Mifsud sostniet li kienet saret laqgha ohra fis-16 ta' Lulju 2010. Presenti kien hemm Ms Dolores Briffa u l-avukat Mark Busuttil flimkien mal-avukatessa Joselle Galea, is-Sur Edmund Sacco u hija stess. Dr Busuttil kien rega' tenna li l-firma ta' Dolores Azzopardi hija falza, filwaqt li l-Bank insista li huwa dejjem mexa' skond il-prassi bankarja u mexa in buona fede. Gie spjegat li l-

Bank ma ghandu l-ebda indikazzjoni ta’ xi prattika hazina f’dan il-kaz u allura joqghod fuq id-dokumenti kif jirrizultawlu fil-file.

Fl-10 ta’ Awissu 2010 Dr. Mark M. Busuttil kiteb lil Dr. Joselle Galea fejn infurmaha li l-firma fuq il-*Pledge of Life Assurance or other Insurance Policy* datata 21 ta’ April 1999 ma kienetx ta’ Doris Briffa. Hija tenniet illi Dr. Mark M. Busuttil kiteb lil Dr. Joselle Galea fis-7 ta’ Settembru 2010 u kopja ta’ l-ittri qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala Dok JM19 u JM20.

Hija spjegat illi l-Bank gia ottjena titolu ezekuttiv kontra Cesare Azzopardi u dana in forza ta’ ittra ufficjali taht l-Artikolu 166a tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet. Kopja ta’ din l-ittra qeghda tigi esebita u mmarkata bhala Dok JM18. Hija sostniet illi l-Bank issa kien qed jipprocedi biex jottjeni t-titolu ezekuttiv kontra l-konvenuta rigward l-istess kont bankarju.

Rat l-affidavit tal-konvenuta **Maria Dolores Briffa** ipprezentat fl-atti nhar il-5 ta’ Marzu, 2012, liema affidavit gie mmarkat bhala Dokument ‘DB’. Ikkkonfermat li hija qatt ma kienet iffirmat xi dokument il-bank in konnessjoni mal-*overdraft* mertu tal-kawza. Tgid li hija kienet infurmat ukoll lil bank dwar dan pero ma tahiex widen. Tispjega li sahansitra nhar is-16 ta’ Lulju 2010 kienet attendiet laqgha gewwa l-ufficcju tar-recoveries fi Triq San Kristoferu l-Belt u prezenti ghal din il-laqgha kien hemm Dr Joselle Galea, Jane Mifsud u Edmund Sacco fl-interess tal-bank attrici u maghha kien hemm Dr. Mark Busuttil. Hija regghet tenniet il-pozizjoni taghha u cioe’ li ma ridietx thallas dak mitlub mill-bank peress li hija ma kienetx firmatarja tal-kont. Dak il-hin l-avukat taghha talabha tiffirma u hekk ghamlet iffirmat D. Briffa, pero’ l-avukat tal-bank talabha tiffirma D. Azzopardi u hi hekk ghamlet. Qalet li r-rapprezentanti tal-bank hadu l-firem maghhom. Spjegat li Dr. Joselle Galea issugeriet li ghandu jigi imqabbad espert kaligrafiku u hija ma kellhiex oggezzjoni ghal dan. Dan nonnostante pero’ ma semghet xejn aktar mill-bank .

Ghalhekk xahar wara u cioe' nhar l-10 ta' Awwissu, 2010 l-avukat taghha Dr. Mark Busuttil kien kiteb lill-bank kif jirrizulta mid-dokument esebit u mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MB fejn talab lil bank jindikalu x'kien bi hsiebu jaghmel fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz. Hija ma rceviet l-ebda risposta mill-bank u ghalhekk nhar is-7 ta' Settembru, 2010 l-avukat taghha Dr. Mark Busuttil rega kiteb ittra ohra Dokument BM fejn akkuza lil bank li kien qed ikaxkar saqajh. Illi wara dan hija irceviet l-atti tal-kawza odjerna liema kawza qieghda tikkontesta prezenzjalment.

In kontro ezami nhar it-22 ta' Marzu, 2012 il-konvenuta tikkonferma li hija xtaqet li jitqabbad espert sabiex jezamina l-kalligrafija taghha pero' il-bank ma tahiex risposta. Ikkonfermat li verament ghall-laqgha li nzammet il-bank kien sar diskors fis-sens li l-firma fuq il-karti tal-bank in konnessjoni ma dan l-*overdraft* ma kienetx taghha. Tghid ukoll li kont iehor mal-Bank kellha fil-passat meta zewgha kien rebah is-Super Five u kienu ddepositaw il-flejjes il-bank. Apparti dan il-kont ma tafx li kellha kont iehor.

Ikkunsidrat:

Illi kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Civili nhar it-28 ta April 2003 fl-ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** jinghad li :-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li majhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf f'materja konsimili illi mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

*Fil-kamp civili ghal dak li huapprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr mathalli dubju ragjonevoli"*

Dwar x'tip ta prova ghandha tressaq il-bank attrici din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Apelli (sede Inferjuri per Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 fejn inghad illi:

"*In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-*

*provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

d) *Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa f'dan il-kaz il-bank atrici qed tallega li l-konvenuta accettat li tissellef minghandha s-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) skond sanction letter datata 21 ta' April 1999 (Dokument B esebit a fol 13) u li a bazi ta' l-istess ftehim hija waqghet lura mill-pagamenti dovuti lill-bank tant li illum il-Bank qed isostni li l-bilanc dovut lilu dak imsemmi fir-rikors promotur fl-ammont ta' Euro 10,341.20. Illi l-bank ghamel referenza ghall-firma li hemm a fol. 3 tad-dokument B u sostna li dik hija il-firma tal-konvenuta u ghalhekk a bazi ta' dan il-ftehim hija debitrici in solidum ma' zewgha tal-bank.

Il-konvenuta minn naha taghha minn dejjem oggezzjonat ghal dan u stqarret li hija qatt ma isselfet flus mill-bank u li qatt ma ffirmat xi *sanction letter* f'dan is-sens . Fil-fatt tispjega illi qabel ma infethet din il-kawza u kienet irceviet xi korrispondenza mill-bank fejn kien gie allegat li hija debitrici tal-bank hija kienet attendiet ghall- laqgha mar-rapprezentanti tal-bank u cahdet din l-allegazzjoni u fil-fatt

tathom kopja tal-firma taghha bil-ghan li din setghet tigi analizzata u ezaminata minn xi espert kaligrafu. Hija esebiet zewg ittri (dok MB u BM) li gew mibghuta lil bank mill-konsulent legali taghha fejn cahdet dak li kien qed jipprendi il-bank u dan anke fl-istadju ta' qabel ma gew inizjati dawn il-proceduri.

Fil-fatt a bazi ta' din ic-cahda da parti tal-konvenuta din il-Qorti b'digriet taghha tal-1 ta' Dicembru, 2010 kienet innominat lill-espert kaligrafu Dr. Anthony Abela Medici sabiex jezamina il-firma fuq is-*sanction letter* esebita mill-bank u dik il-firma moghtija mill-konvenuta u jaghmel ezami komparattiv sabiex jigi stabbilit jekk hux minnu dak li qed tallega il-konvenuta u cioe' li l-firma hemm indikata a fol 15 mhiex taghha.

L-espert kaligrafu iddikjara fir-rapport tieghu li effetivament il-firma fuq is-*sanction letter* kif murija a fol. 15 tal-atti ma tappartjenix lill-konvenuta u ghalhekk huwa minnu dak li allegat l-istess konvenuta li hija m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-bank ghaliex hija qatt ma iffirmat l-facilita allegatament moghtija lilha. Illi l-bank ma ipprovax li effettivament il-flejjes rikjesti gew irtirati mill-konvenuta u ghalhekk a bazi ta' dawn il-provi prodotti l-Qorti ma tistax tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-bank attrici is-somma mitluba minnha.

Ghalhekk in vista tal-provi prodotti u in vista tan-nuqqas ta relazzjoni ezistenti bejn il-kontendenti din il-Qorti qeghda tichad it-talba attrici b'dan illi tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenuta u in vista ta' dak fuq eccepit ma thossx li hemm bzonn li tikkonsidra l-eccezzjonijiet l-ohra.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------